# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn 3 ta’ Gunju 2002**

**Avviz. numru 250/02**

**Numru 27**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Joseph u Theresa mizzewgin Grima**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elfejn mitejn u wiehed u tmenin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm2281.58,0) rapprezentanti import ta’ sebgha (7) kambjali ta’ Lm325.94,0 il-wahda, debitament accettati, iggirati minn Easysell Kia (Malta) Ltd favur il-Bank attur, u skaduti fit-tletin (30) ta’ Mejju, Gunju, Lulju, Awissu, Settembru, Ottubru u Novembru 2001 u mhux imhallsa, li kopja taghhom giet

annessa mal-avviz bhala dokumenti minn 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sat-3 ta’ Dicembru 2001 jammontaw ghal Lm47.51 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 7 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-21 ta' Mejju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2281.58,0 bl-imghax legali mid-data ta’ skadenza ta’ kull kambjala esebita in

atti sat-3 ta' Dicembru 2001 ammontanti ghall-Lm47.51,0 kif ukoll dawk mill-4 ta' Dicembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur